KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

TAS-SLIEMA

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 88

It-tmienja u tmenin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 18 ta' Settembru 2018 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsilllier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** (Skont Ordni Permanenti 14A (3) | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-18.00 b'din l-Agenda:*

*88.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*88.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*88.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*88.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*88.5 Rapporti;*
*88.6 Approvazzjoni Quarterly Financial Report – April sa Gunju 2018*
*88.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;*
*88.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*88.9 Mozzjonijiet ;*
*88.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 88.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

88.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsilliera N. Castaldi Paris giet għas-seduta izda kellha titlaq għaliex inqalgħet emerġenza. Kien hemm qbil li tiġi reġistrata bħala Assenti b'Apologija.

## 88.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

88.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 87 tas-seduta tas-6 ta' Settembru 2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

88.2.2 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 87. Il-Kunsillier P. Portelli issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. *Approvazzjoni tal-minuti 87_6/09/2018*

## 88.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

88.3.1 Fir-rigward ta' Triq il-Kbira, is-Sindku informa li kif diġa spjega għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwar il-proġett ta' Triq il-Kbira u b'hekk hemm il-ħsieb li x-xogħol jibda f'Jannar 2019. Dan sakemm dejjem jigu approvati l-fondi UDF ghall-progett. *Triq il-Kbira/Triq Nicolo Isouard*

Is-Sindku qal li f'dan il-kaz, sadanittant il-Kunsill se jibda Triq Nicolo Isouard kif kien diġa deċiz. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni, biex nevitaw li jkollna ilmenti kif ġara fi Triq Guze Howard minħabba z-*zebra crossings* li saru skont kif mitlub mit-TM. Is-Segretarju Ezekuttv fakkar li għal proġett ta' Triq il-Kbira, il-flus se jiġu rifonduti, b'hekk il-Kunsill ikollu jimxi mar-regolamenti mit-TM kif mitlub.

Madankollu kien hemm qbil li l-Kunsill jippubblika l-pjanti proposti la darba jiġu finalizzati. Is-Segretaru Ezekuttiv zied jgħid li din id-darba m'għandix tkun problema għaliex kulma ħa tizdied *zebra crossing* waħda u mhux se tiġi affetwata *parking bay*. Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll li dawn ix-xogħlijiet fi Triq il-Kbira se jiġu koordinati ma' 'The Palace Hotel' kif kien sar il-qbil mal-MTA.

88.3.2 Dwar punt 87.4.6 dwar il-*commencement notice* li joħorġu mil-PA l-Kunsillier P. Radmilli qal li din tista ssir permezz tal-e-id mill-istaff (konċernati mill-permessi), u jista jassisti fil-bidu sakemm ikollhom aċċess għas-sistema. *Commencement notice - PA*

*Daħal il-Kunsillier D. Muscat għas-seduta fit-18.28*

88.3.3 Is-Sindku informa li l-impjegata Bernice Gatt tghat ir-rizenja tagħha għaliex sabet impieg ieħor. Il-Kunsill beda l-proċess sabiex jimtela dan il-post vakanti, wara li inkiseb permess mid-DLG. Kien hemm qbil li s-Sindku u l-Kunsilliera M. Aquilina jkunu fil-Bord għall-għazla. Il-Kunsill ġie infurmat li hemm persuna għall-interview nhar il-Ħamis fl-10am. *Terminazzjoni ta' impjegata – Bidu ta' proċess għall-post vakant*

88.3.4 Is-Sindku informa li fit-tieni ġimgħa ta' Ottubru, 2018 hu pjanat li jibda l-proġett fi Triq Dingli. Il-UDF ikkonfermaw li se jkunu qegħdin jiffinanzjaw il-proġett izda l-kuntratt għad irid jiġi ffirmat. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li la darba l-Perit jlesti l-*ispecifications*, għandu jinħareġ it-tender għal *pit guards*. *Proġett Triq Dingli*

88.3.5 Dwar il-monument ta' Tony Nichol kien hemm qbil li ssir laqgħa mas-Sur Gavin Gulia tal-MTA biex niċċaraw għaliex huma kellhom jagħmlu xi struttura wkoll fi Pjazza Sant'Anna biex naraw li wieħed ma jtellifx lill-ieħor. *Monument Tony Nichol*

88.3.6 Dwar ir-rapporti li l-Kunsill irċieva dwar in-nuqqas ta' servizz fil-Berġa, is-Segretarju Ezekuttiv qara ir-risposta minn Dr West. Is-Segretarju Ezekuttiv ġibed l-attenzjoni li hemm *server* fil-Berga, izda ma jafx dan jghatix access ghall-files tal-klijenti tal-Berga. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lura fejn isaqsi għalxiex qiegħed iservi dan is-*server* kif ukoll jnforma li s-servizzi msemmija minnhom mhumiex jingħataw mil-Berga. *Berga*

88.3.7 Is-Sindku informa li l-Kunsill bgħat l-ittra lir-residenti dwar it-tibdil tal-isem tat-triq San Trofimu. Il-Kunsill ġie infurmat li rċieva seba' *Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor*

oġġezzjonjiet mir-residenti, waħda minnhom minn *Sliema Heritage Society*. Is-Segretarju Ezekuttiv qara l-ittra ta' *Sliema Heritage Society*. Il-Viċi-Sindku qal li ma jaqbilx li l-isem tat-triq għandhu jinbidel u kien favur tal-ittra mis-*Sliema Heritage Society*. Is-Sindku fakkar li fl-aħħar seduta l-Kunsill kien qabel li ma jsibx oġġezzjoni li jindidel l-isem tat-triq u li r-residenti kellhom jiġu notifikati.

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw daħlet għas-seduta fis-18.56*

Il-Kunsill qabel li għandu jitlob gwida mis-*Street Naming Committee* billi jibgħatlu l-applikazzjoni, l-ittra li l-Kunsill bgħat lir-resident kif ukoll l-oġġezzjonijiet li rċevejna mir-residenti u dik ta' *Sliema Heritage Society*.

*Ħarġu mis-seduta il-Kunsilliera J. Pillow u P. Portelli fis-19.02 u daħlu lura fis-19.07*

88.3.8 Fir-rigward ta' Triq Don Rua l-Kunsill ġie infurmat li bgħat l-ittra lir-residenti u skont i*l-feedback* li l-Kunsill irċieva fuq bazi ta' l-ittra li ntbgħatet, kien hemm qbil li t-triq għandha tibqa kif inhi u ma ssir l-ebda *one way*. Il-Kunsillier D. Muscat ġibed l-attenzjoni li ittri bħal dawn għawn għandhom jintbgħatu kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz. Triq Don Rua

88.3.9 Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva r-risposta minn AKL dwar is-soluzzjoni tal-ħamiem li għandhom. L-Ministeru tas-Sahha għandhom kuntrattur fejn jaqbad il-ħamiem permezz ta' barumbara, jittieħdu l-bajd li jbidu l-ħamiem, bl-iskop li ma jkomplux jghamlu frieh. La darba din hi l-unika għazla li inghatat skond il-*policy* tal-Gvern, il-Kunsill qabel li għandu jikkonferma li hu interessat u nibdew nissuġġerixxu l-areas fejn hemm l-iktar ħamiem. Il-Kunsill għandu jsaqsi wkoll xi jsir f'kaz fejn hemm ħamiem f'bini abbandunat. *Hamiem*

88.3.10 Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva talba mill-ARMS jekk l-uffiċċju jistax jibdqa jilqa n-nies għall-ħlasijiet tal-kontijiet ta' dawl u l-ilma. Ġie diskuss li l-Kunsill għandu diġa bizzejjed kju kbir ta' nies. Gie nnotat ukoll li zewġ passi 'l isfel hemm il-Maltapost, u normalment Kunsilli li joffru dawn is-servizz ikunu dawk li m'għandhomx *Post Office* fil-lokalita. Il-Kunsill ma qabilx li s-servizz jiġi offrut mill-uffiċċju la darba m'hemmx il-bzonn. *ARMS*

88.3.11 Is-Sindku spjega kif it-TM informa lill-Kunsill x'se jsir fil-*Car Free Day* *Car Free Day*

Dawn kellhom il-ħsieb li l-*catering establishments* jarmaw l-imwejjed u s-siġġijiet fit-triq. Is-Sindku informa li hu meta ltaqa mat-TM qal li hu ma jaqbilx li jkun hemm l-imwejjed u s-siġġijiet għaliex jemmen l-iskop ta' din l-attivita hija li jinħoloq *awareness* li jitnaqqsu l-karozzi u mhux li jkun hemm kummerċ. Is-Sindku qal li ddiskuta wkoll li din taf toħloq aktar inkonvenjent u konġestjoni tat-traffiku f'areas oħra. Il-Kunsill qabel mas-Sindku li jinħoloq kompromess mat-TM li ssir l-attivita izda ma jkunx hemm imwejjed u siġġijiet fl-attivita tal-*car free day.* L-attivita għandha ddum sal-4pm.

88.3.12 Is-Sindku informa li s-Superintendent Carmel Bartolo li laħaq issa fl-Ghassa Tas-Sliema, ġie fl-uffiċċju tal-Kunsill biex jintroduċi ruħu mal-Kunsill. Is-Sindku informa li jidher li se jkun hemm relazzjoni tajba u mistenni li jibdew jiltaqgħu kull xahar biex jiġu diskussi diffikultajiet f'Tas-Sliema. Is-Superintendent issuġġerixxa li jkollna *neighbourhood watch*. Il-Kunsill kien ilu jiddiskuti *neighbourhood watch*. Kien hemm qbil li l-Kunsill ikollu kumitat għal dan. Il-membri se jkunu s-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera L. Cassar Shaw, J. Pillow, D. Muscat u M. Briguglio. *Laqgħa mas-Superintendent*

88.3.13 Is-Sindku informa li kellu laqgħa flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv il-Wasteserv dwar il-ġbir tal-iskart organiku. Ġie diskuss li l-ġranet ikunu uniformi ma' Malta kollha kif ġej: *Skart Organiku*

It-Tnejn – Skart organiku u borza s-sewda
It-Tlieta - Skart riċiklat
L-Erbgħa – Skart organiku
Il-Ħamis - Borza sewda
Il-Gimgħa – Skart organiku u Skart riċiklat
Is-Sibt – Borza sewda

Is-servizz ġdid se jibda jingħata mil-31 t' Ottubru 2018 u l-ħlas għall-ġbir tal-iskart organiku se jiġi rifondut mill-Wasteserv. Ma hux izda car ghall-kemm tul ta' zmien ser jinghata dan ir-*refund*.

*Il-Kunsillier P. Portelli ħareġ mis-seduta fis-19.51*

Is-Segretarju Ezekuttiv informa li diġa kellem lill-kuntrattur u dan talab li jkollu erba' siegħat cans bejn servizz u ieħor, dan biex ilaħħaq jiġbor l-iskart kif ukoll imur ibattal it-trakk biex ikun lest għat-tieni servizz.

*Daħal lura l-Kunsillier P. Portelli fit-20.05*

Il-Kunsill qabel li għandu jirrispondi lil Wasteserv li jaqbel mal-kambjament izda l-ħinijiet għadhom iridu jiġu konfermati wara li jkun hemm qbil mal-kuntrattur. Il-Kunsillier P. Radmilli qal jekk il-Kunsill jistax isaqsi lil Wasteserv biex jagħmlu l-kalendarju tas-sena 2019 bil-ħinijiet u l-ġranet il-ġodda. Kien qbil li nsaqqsu dwar dan ukoll.

88.3.14 Is-Sindku qal li f'rapport minnhom tal-*contracts manager*, li se naraw aktar tard fis-seduta, ġie nnotat li aħjar ikun hemm *zoning* għal knis tat-toroq, dan biex is-servizz ikun aħjar u jkun jista jiġi kkontrollat aħjar. Kien hemm qbil li niltaqgħu mal-kuntrattur fejn jiġi diksuss dan kif ukoll il-punt imsemmi aktar 'l fuq dwar il-ħinijiet għall-ġbir ta' l-iskart organiku. Kien hemm qbil ukoll li wara jkun ftehim fuq dan iz-zewġ punti msemmija, isir *launching* ta' z-zewġ tibdiliet. *Launching dwar tibdiliet fi ġbir ta' skart u knis.*

## 88.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

88.4.1 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw issuġġeriet li jsir *survey* dwar it-tindif tat-toroq. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsilliera jistgħu jibgħatu *emails* lill-Kunsill fejn dawn jintbgħatu lill-*contracts manager* u dan jivverifika. Ta' min jinnota wkoll li ħafna mill-ilmenti li jkollna jirrizulta li mhux dejjem ikun tort tal-kuntrattur, il-problema tkun ukoll li l-boroz mir-residenti qegħdin jinħarġu f'ħinijiet varji fejn dan jidher li jkun hemm il-ħmieġ fit-toroq. Il-Kunsill kif ilu jitllob, għandu bzonn aktar għajnuna mill-infurzar tal-LESA. *Tindif fit-toroq*

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skuzat mis-seduta fit-20.15*

88.4.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina infurmat li hemm rokna fi Triq Parisio qed terġa timtela skart u talbet biex jerġa jitnaddaf. *Triq Parisio*

## 88.5 RAPPORTI

88.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera għaz-zewġ rapporti mil-*contracts manager*. Dwar dak tal-iskart il-Kunsill diġa qabel li għandu jiltaqa' mal-kuntrattur dwar iz-*zoning*. Dwar ir-rapport tas-servizz tal-ġbir tal-iskart riċiklat, ġie nnotat li hemm ħafna nuqqasijiet min-naħa tal-kuntrattur kif jidher fir-rapport, videos u ritratti. Fosthom irrizulta: trakk maħmuġ, ma jilbsux l-uniformi, trakk m'għandux *reverse lights*, qiegħed isir *piling* qabel il-ħin, ikaxxkru l-boroz u jħallu l-iskart li jaqa *Rapporti dwar it-tindif u ġbir ta' skart*

fit-triq. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġibdet l-attenzjoni wkoll biex is-sewwieqa tat-trakk iġibu rispett għall-ħaddiema li jkunu qegħdin jiġbru għaliex xi drabi jibdew jiġru u l-ħaddiem irid ilaħħaq b'ħafna boroz f'idu biex jarmi fit-trakk. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li f'dan il-kaz hemm il-kundizzjonijiet tal-impjegat li l-kuntrattur ikun irid jimxi magħhom.

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata li titlaq mis-seduta fit-20.30*

Il-Kunsillier J. Pillow propona li jinħareġ *warning* lil GreenPak, il-Kunsillier P. Radmilli zied jgħid li l-Kunsill se jgħati erbgha ġimgħat ċans biex jiġu *in line* u se jkun qiegħed jiddiskuti sarx progress fil-laqgħa li jmiss. Kien hemm qbil dwar dan.

**88.6 APPROVAZZJONI (QUARTERLY FINANCIAL REPORT – APRIL SA GUNJU 2018)**

88.6.1 Dan il-punt se jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**88.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

88.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li fir-rigward tat-tender tal-latrini pubbliċi l-Kunsill irċieva l-offerti. Informa wkoll li se jkun qiegħed jagħmel xi kalkoli mal-*accountant* u se jkollu bzonn bord għad-deċizjoni. Kien hemm qbil li l-bord se jkun magħmul mis-Sindku u mill-Kunsilliera M. Aquilina, V. Galea Pace u J. Pillow. *Tender – latrini pubbliċi*

88.7.2 Il-Kunsillier J. Pillow issuġerixxa li wieħed mir-rapporti li għandu jagħmel il-*contracts manager* ikun dwar il-kostruzzjoni. Is-Segretrarju qal li dawn huma rapport *ongoing* li jridu jigu koordinati mal-iskrivani li jiehdu hsieb il-permessi. *Kostruzzjoni*

88.7.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ġibed l-attenzjoni li Koperattiva Tabelli u Sinjali qegħda ddum biex tlesti l-ordnijiet li l-Kunsill qiegħed jgħati. Il-Kunsill qabel li jekk jibqa jsir hekk għandha tinħareġ *default notice*. *Koptasin*

88.7.4 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li jistgħu jsiru bankini mill-fondi tal UDF izda fakkar li dawn irridu nimxu bil-permessi u bir-regolamenti tagħhom. Jistgħu isiru wkoll biċċiet ta' bankini mill-kuntrattur tal-Kunsill skond il-*budget* li jkun alloka l-Kunsill. *Bankini*

Il-Kunsilliera għandhom jibgħatu email lis-Segretarju Ezekuttiv bis-suġġerimenti ta' bankini li jistgħu jsiru, bid-dettal tal-area speċifikata. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk il-Kunsill jistax jitlob il-fondi lura ukoll tal-ispejjez tal-perit. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien diġa iċċekkja u ġie infurmat li mhumiex parti mill-iskema UDF.

**88.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

88.8.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet.

88.8.2 Il-pagamenti bin-numru 53 sa 61 pagabbli lil Med Developers, Designers and Consultants dwar il-ħlasijiet għal *Traffic Management Diversion Plans* fi Triq il-Kbira ma' ġewx approvati. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lil Med Developers sabiex jirrevedu dawn il-kontijiet speċjalment li parti sostanzjali tax-xogħol sar mis-Segretarju Ezekuttiv.

88.8.3 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament dwar il-*cash in transit* u fakkar dwar il-flus li qegħdin jinġabru għall-kumpanija oħra. Il-Kunsill għandhom jerġgħu jiktbu lil AKL. *Cash in transit*

88.8.4 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-pagament pagabbli lis-Sur John Dalli. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li din saret ħsara minn kuntrattur tagħna u l-Kunsill għamel t-tiswijiet lir-residenta konċernata. Il-Kunsillier J.Pillow qal li l-Kunsill għandu jitlob *refund* lil dan l-istess kuntrattur li għamel il-ħsara. Issuġġerixxa wkoll li nitolbu *disclaimer* mir-residenta konċernata biex tikteb lill-Kunsill li issa l-proċess mal-Kunsill magħluq.

*Il-Kunsillier P. Radmilli ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fid-21.33*

88.8.5 Il-Kunsillier P. Portelli propona li jiġu approvati l-pagamenti (minbarra dawk min-numru 53 sa 61). Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil mil-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

88.8.6 Il-Kunsillier D. Muscat informa li se jkun hemm Bord li se jkun qiegħed jiddiskuti n-nominazzjoniet għal premju 'Gieħ Tas-Sliema'. Spjega wkoll il-programm tas-serata. Il-Kunsillier P. Portelli issuġġierixxa li jkun hemm *laptop* biex is-serata tiġi trasmessa 'live' fuq *facebook*. Is-Sindku fakkar li kien ġie diskuss biex ikollna plakka li nonoraw ir-rebbieħa ta' Gieħ Tas-Sliema tas-snin ta' qabel. Ma' *Tas-Sliema Wirt u Niesha*

din issir plakka oħra fejn jiġu rikonoxxuti s-Sindki tas-snin ta’ qabel. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsillier D. Muscat ipprezenta mudell magħmul mill-iskultur Ronnie Pisani kif se jkun l-*award* għal Gieh tas-Sliema u dan jibqa applikabbli għas-snin li ġejjin ukoll.

88.8.7 Dwar it-tizjin tal-Milied, il-Kunsill qabel li għandu jzejjen is-siġra ta’ Triq Dingli (tan-naħa ta’ fuq) b’fustun LED. Ġie propost ukoll li jsir xi tizjin Pjazza Sant’Anna u li nsaqqsu lill-Knejjes biex inzejnu quddiem il-Knejjes. Kien hemm qbil dwar dan. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li l-Kunsill irid jimxi mal-proċeduri u jzomm mal-*budgets.* Informa wkoll li issa ma jifdalx ħin bizzejjed biex jinhareg tender sabiex inzejjnu fil-ħin. *Tizjin tal-Milied*

88.8.8 Is-Sindku informa li hemm bzonn jiġi ffurmat Kumitat ieħor tal-Finanzi. Dawk il-Kunslliera li huma interessati jistgħu jibgħatu email lis-Segretarju Ezekuttiv. *Kumitat Finanzi*

## 88.9 MOZZJONIJIET

88.9.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

## 88.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

88.10.1 Is-seduta ntemmet fl-22.20 ta` filgħaxija. Seduta oħra se ssir nhar l-Erbgħa 17 t’Ottubru 2018 fis-6pm.

Minuti approvati llum 17/10/2018

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |